**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar L-Erbgha 3 ta' Mejju, 2017**

**Kawza Numru: 18**

**Rikors Numru: 215/2016JPG**

**Fl-atti tas-subbasta numru 16/15 fl-ismijiet**

**J AND K Limited (c 44655)**

**VS**

**Maria Theresa sive Marthese Mercieca (K.I. 38563M)**

**u Raymond Mercieca (K.I. 711058M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Maria Theresa sive Marthese Mercieca et, datat 15 t'Ottubru 2016, (a fol 1 et seq), li jaqra hekk:

*Jesponu bir-rispett:*

1. *Illi s-socjeta` J AND K Limited ipprezentat rikors fis-6 ta' Marzu 2015 fejn talbet il-hrug ta' mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli fuq diversi immobbli tar-rikorrenti u cioe` hames garaxxijiet u zewgt idjar.*

2. *Illi permezz ta' digriet tal-11 ta' Marzu 2015, din l-Onorabbli Qorti inter alia laqghet it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli fuq il-proprjeta` msemmija fir-rikors tas-socjeta` J AND K Limited u ordnat il-bejgh b'subbasta tal-istess.*

3. *Illi r-rikorrenti Maria Theresa sive Marthese Mercieca giet ftit jiem ilu notifikata b'dan il-mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli u ghaldaqstant qieghda prezentement tipprezenta flimkien ma' zewgha Raymond Mercieca din ir-risposta ghall-istess mandat u subbasta.*

4. *Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jirrilevaw li* ***r-rikors ghall-hrug tal-mandat huwa null stante li huwa nieqes mir-rekwiziti tal-Artikolu 305(2) tal-Kap 12****.*

5. *Illi l-Artikolu 305(2) jirrikjedi li "fir-rikors ghandu jkun hemm indikat deskrizzjoni dettaljata tal-hwejjeġ li taghhom jintalab il-bejgh fl-irkant, inkluza l-provenjenza u kull piz fuq l-istess art u pjanta li turi b'mod car fejn hija l-art".*

6. *Illi s-socjeta` J AND K Limited lanqas ipprezentat pjanta wahda kif mitlub bil-ligi. Illi s-socjeta` J AND K Limited ma tat ebda indikazzjoni tal-pizijiet fuq il-proprjetajiet, u rigward il-garaxx bla numru li jinsab elenkat f'punt (f) tal-istess rikors ma tatx il-provenjenza.*

7. *Illi dawn huma kollha rekwiziti tal-ligi li s-socjeta` J AND K Limited injorat kompletament, u dan ukoll nonostante Punt 8 tad-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Marzu 2015. Ghaldaqstant ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' hwejjeg immobbli huwa nieqes mir-rikwiziti tal-ligi u ghandu jigi revokat.*

8. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju,* ***il-kuntratt notarili datat 2 ta' Mejju 2014*** *fl-atti tan-Nutar Dottor Mary Grech Pace fejn ir-rikorrenti kostitwew ruhhom debituri tas-socjeta` J AND K Limited fl-ammont ta' EUR 27,983.72* ***qatt ma gie rez ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrent Raymond Mercieca, u ghaldaqstant dan il-mandat ma seta' qatt inhareg kontra Raymond Mercieca jew kontra l-assi tieghu****.*

9. *Illi l-Artikolu 256(2) jirrikjedi li l-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv bhall-kuntratt notarili jista' jsir biss wara notifika ta' sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju. Illi l-Artikolu 199A jezigi li kull min jipprezenta xi att li jehtieg li jigi notifikat, irid jipprezenta numru ta' kopji ekwivalenti ghan-numri ta' persuni li ghandhom jigu*

*notifikati bl-att. Illi ai termini tal-Artikolu 185, <u>meta skrittura għandha tkun notifikata lil tnejn minn nies jew izjed, ukoll jekk dawn ikunu jghixu flimkien fl-istess indirizz, kull wiehed minnhom ghandu jigi notifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura</u>.*

10. *Illi johrog car mill-ittra ufficjali pprezentata mis-socjeta` J AND K Limited li <u>J AND K Limited harget biss notifika wahda, u li din in-notifika giet milqugha biss minn Maria Theresa sive Marthese Mercieca</u>.*

11. *Illi hawnhekk si tratta ta' kuntratt b'zewg debituri li huma zewg persuni distinti u li ghalhekk l-obbligu legali huwa car fis-sens illi kull persuna ghandha tigi notifikata b'kopja ta' kull att gudizzjarju indirizzata lilha.*

12. *Illi ghaldaqstant il-kuntratt qatt ma gie rez ezekuttiv fil-konfront ta' Raymond Mercieca, u ghalhekk ma jistax jinhareg mandat kontrih abbazi ta' din l-ittra.*

13. *Illi ghaldaqstant jinhtieg li l-mandat jithassar u jigi revokat in kwantu jolqot is-sehem tal-istess Raymond Mercieca fuq il-hwejjeg immobbli maqbudin permezz ta' dan il-mandat.*

14. *Illi fuq il-mertu, il-kuntratt datat 2 ta' Mejju 2014, **ir-rikorrenti kostitwew ruhhom debituri tas-socjeta` J AND K Limited fl-ammont ta' EUR 27,983.72 u mhux EUR 28,246.85** kif indikat mis-socjeta` J AND K Limited fl-ittra pprezentata fid-19 ta' Settembru 2014 u kif mitlub f'dan il-mandat.*

15. *Illi klawsola (1) tal-istess kuntratt tghid li r-rikorrenti qieghdin jikkostitwixxu ruhhom vera, certi u likwidi debituri fl-ammont ta' EUR 27,983.72, u qatt ma ma kkostitwew ruhhom debituri a rigward spejjez notarili pretizi da parti tas-socjeta` J AND K Limited.*
16. *Illi difatti klawsola (6) tal-istess kuntratt tghid li dwar dawn l-ispejjez "il-konjugi Mercieca qeghdin jassumu responsabilita pjena u assoluta ghall-hlas tal-ispejjes u drittijiet tan-Nutar marbuta mall-publikazzjoni ta' dan il-kuntratt u <u>qeghdin presenzjalment ihallsu dawn l-istess spejjez u drittijiet</u>".*

17. *Illi minghajr pregudizzju, ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli huwa* ***rragjonevoli u sproporzjonat, ghaliex l-ammont dovut qieghed jithallas b'mod regolari u d-dejn qieghed jinqata' malajr hafna, u fejn il-kreditu tas-socjeta` J AND K Limited hija ben garantita****. Dan il-mandat sar biss sabiex is-socjeta` J AND K Limited taghmel pressjoni minghajr bzonn fuq ir-rikorrenti.*

18. *Illi J AND K Limited talbet il-hrug ta' dan il-mandat abbazi ta' kuntratt notarili datat 2 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Mary Grech Pace fejn ir-rikorrenti kostitwew ruhhom debituri tas-socjeta` J AND K Limited fl-ammont ta' EUR 27,983.72.*

19. *Illi J AND K Limited ipprezentat ittra ufficjali erba' xhur wara u cioe` fid-19 ta' Settembru 2014 fejn talbet il-hlas ta' dan l-ammont kollu fi zmien jumejn. Illi J AND K Limited stess tammetti fir-rikors taghha ghall-hrug tal-mandat li ftit wara thallsu EUR 10,000 permezz ta' zewg bank drafts. Ghal kull buon fini, kopji ta' dawn il-bank drafts datati 30 ta' Settembru 2014 u 5 ta' Jannar 2015 huma hawn annessi* ***Dok AD1*** *u* ***Dok AD2****.*

20. *Ghalhekk mid-29 ta' Settembru 2014 sar-rikors ghall-hrug tal-mandat tas-6 ta' Marzu 2015 saru zewg pagamenti ta' EUR 5,000 kull wiehed.*

21. *Illi minkejja li l-ammont dovut lis-socjeta` J AND K Limited sad-data tal-presentata ta' dan ir-rikors tnaqqas b'ghoxrin elef ewro (€20,000) fi ftit xhur, is-socjeta` J AND K Limited ghamlet rikors ghall-hrug ta' mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli.*

22. *Illi b'kull rispett, dan huwa agir assolutament irragjonevoli, sproporzjonat, u vessatorju.*

23. *Illi kieku l-intenzjoni kien li l-ammont dovut jithallas immedjatament, ma kien ikun hemm ebda bzonn ta' kostituzzjoni ta' debitu ghaliex il-hlas kien isir*

*immedjatament. Huwa ovvju li kien hemm bzonn xi zmien ghall-hlas, u filfatt il-kuntratt ma jsemmi ebda terminu ghall-hlas tal-ammont dovut.*

24. *Illi filwaqt li l-kuntratt huwa titolu ezekuttiv li jista' jigi rez ezegwibbli immedjatament, ir-rikorrenti kkostitwew ruhhom veri debituri in buona fede sabiex il-vertenza tigi rizolta amikevolment, u certament mhux sabiex jigu rinfaccjati b'dan l-agir estrem tas-socjeta` J AND K Limited.*

25. *Illi wara kollox, fuq il-kuntratt inholqot ukoll ipoteka sabiex id-dejn ta' J AND K Limited jigi garantit, u dan kif jidher minn klawsola (2) tal-istess kuntratt. Kieku kienet tal-fehma li ma kellhiex garanzija tajba, is-socjeta` J AND K Limited kienet titlob garanzija ulterjuri u setghet ukoll irregistrat ipoteka specjali fuq xi wahda mill-proprjetajiet tar-rikorrenti skont il-ligi.*

26. *Illi meta ghamlu l-ftehim datat 2 ta' Mejju 2014, il-partijiet ghamluh 'b'mod amikevoli' sabiex 'jirrizolvu din il-kwistjoni barra l-qorti'. Hawnhekk jidher car li ma kien hemm ebda rieda tajba da parti tas-socjeta` J AND K Limited u li dan il-mandat intalab kapriccozament. Kieku kienu jafu li J AND K Limited kienet ser tkun daqstant irragjonevoli, ir-rikorrenti zgur li ma kellhom ebda interess li jiffirmaw il-kostituzzjoni ta' debitu ghaliex l-ammont dovut kien jibqa' l-istess izda s-socjeta` J AND K Limited ma kienetx tkun f'posizzjoni li titlob dan il-mandat! Minn fuq li r-rikorrenti in buona fede ammettew li kellhom dejn mas-socjeta` J AND K Limited u qieghdin ihallsu b'mod regolari, **J AND K Limited qieghda tabbuza u tikkastiga r-rikorrenti tal-buona fede taghhom**.*

27. *Illi gie ampjament ippruvat li l-pagamenti kienu qieghdin isiru u ma kien hemm ebda bzonn ta' dan il-mandat. Tant huwa hekk li anke fil-mori wara r-rikors ghall-hrug tal-mandat u qabel ma gew notifikati bih r-rikorrenti, il-pagamenti baqghu jsiru tant li sar pagament ta' EUR 5,000 permezz ta' zewg bank drafts datati t-30 ta' April 2015 u l-4 ta' Mejju 2015, kopja annessi **Dok AD3 u Dok AD4**. Ir-rikorrenti ghaddew bank draft iehor ta' EUR 5,000 lis-socjeta` J AND K Limited datat 24 ta' Settembru 2015, kopja annessa **Dok AD5**.*

28. *Illi ghalhekk il-bilanc dovut fi ftit xhur rega' tnaqqas konsiderevolment, u il-bilanc li jibqa' hija s-somma mizera ta' EUR 7,983.72 (jew EUR 8,246.85 jekk jigu inkluzi l-ispejjez notarili) liema somma zgur ma timmeritax li jsir mandat ta' qbid ta' immobbli, ghaliex wara kollox il-pagamenti qieghin isiru regolarment u l-bilanc kollu sejjer jithallas fi zmien ftit xhur ohra, u fejn is-socjeta` J AND K Limited hija ben kawtelata ghal dan l-ammont.*

29. *Illi r-rikorrenti ma jistghux ma jirrilevawx li sakemm isiru l-istimi tal-perit appuntat mill-Qorti u tigi appuntata l-bejgh b'subbasta, x'aktarx li l-hlas tal-ammont kollu dovut ikun sar.*

30. *Ghaldaqstant ir-rikorrenti huma tal-fehma li* ***r-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli huwa eccessiv u sproprzjonat f'dan l-istadju, u ma huwiex mehtieg jew gustifikabbli.***

31. *Illi aktar minn hekk il-mandat ta' qbid huwa* ***eccessiv u sproporzjonat*** *ghaliex r-rikors ta' J AND K Limited sar kontra elenku ta' proprjetajiet u cioe` hames garaxxijiet u zewgt idjar li huma:*

   a. *Tliet garaxxijiet numri 1,2 u 3 formanti parti minn block bini sitwat f'kantuniera bejn Xghajra Street u Triq il-Kunvent kontrada tax-Xghajra fil-limiti ta' Haz-Zabbar;*

   b. *Garaxx 171 fi Triq il-Kunvent Zabbar li ghandu zewg bibien f'Xghajra Street bin-numri tnejn u hamsin (52) u tlieta u hamsin (53);*

   c. *Terran numru 169 fi Triq il-Kunvent, Zabbar;*

   d. *Garaxx bla numru fi Triq Alessio Erardi, Haz-Zabbar, u jmiss minn nofsinhar mall-imsemmija triq u mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Grech u mill-lvant ma' beni ta' Raymond Mercieca;*

*e. Dar 'Casa Ray-Mar Mercieca', Triq Alessio Erardi, Haz-Zabbar.*

32. *Illi r-rikors ghall-hrug tal-mandat sar fuq l-ammont ta' EUR 18,246.85 (kontestat a rigward l-ispejjez notarili), u r-rikorrenti jergghu jirrilevaw li minn dakinhar thallsu EUR 10,000, u li ghaldaqstant jibqa' biss bilanc ta' EUR 7,983.72 (jew EUR 8,246.85 jekk jigu inkluzi l-ispejjez notarili).*

33. *Illi b'kull rispett, ma hemmx bzonn stima ta' perit sabiex wiehed jaghraf li hames garaxxijiet u zewgt idjar jiswew ferm iktar minn EUR 8,246.85.*

34. *Illi minkejja dan, is-socjeta` J AND K Limited ipprocediet b'dan il-mandat sproporzjonat, vessatorju, u intiz biss sabiex is-socjeta' J AND K taghmel pressjoni zejda fuq ir-rikorrenti u zzid l-ispejjez tar-rikorrenti.*

35. *Illi din hija nuqqas ta' etika bazika fejn ir-rikorrenti dahlu fi ftehim in bona fede u qieghdin jaghmlu minn kollox sabiex ihallsu fil-pront, u difatti qieghdin ihallsu regolarment, u s-socjeta` kreditrici taqbad u titlob mandat ta' qbid tal-assi kollha immobbli tar-rikorrenti minghajr preavviz u meta dawn jeccedu b'ammont ezorbitanti l-ammont dovut lis-socjeta` kreditrici.*

36. *Illi din ma hijiex kwistjoni li s-socjeta` kreditrici ma kelliex garanzija bizzejjed, ghaliex ghandha ipoteka generali rregistrata kontra r-rikorrenti u tista' facilment taghmel ipoteka specjali fuq xi garaxx tar-rikorrenti sabiex tkun ahjar protetta jekk tahseb li hemm ir-riskju li l-proprjetajiet jigi transferiti, izda zgur li ma hemmx bzonn li jinbieghu l-proprjetajiet kollha tar-rikorrenti.*

37. *Ghaldaqstant, f'kas illi din l-Onorabbli Qorti ma' tilqax t-talba tar-rikorrenti, allura ikun gust li l-mandat ghandu jigi limitat ghal numru ta' assi ragjonevoli, per ezempju garaxx wiehed u mhux hames garaxxijiet u zewgt idjar.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment huma tal-fehma illi din l-Onorabbli Qorti:*

1. *thassar u tirrevoka l-mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli fl-ismijiet "J AND K Limited vs Maria Theresa sive Marthese Mercieca et" u konsegwentement tirrevoka d-digriet taghha u l-ordni ghall-bejgh b'subbasta numru 16/15 tal-11 ta' Marzu 2015 in toto u/jew in parti*

2. *thassar u tirrevoka l-mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli fl-ismijiet "J AND K Limited vs Maria Theresa sive Marthese Mercieca et" u konsegwentement tirrevoka d-digriet taghha u l-ordni ghall-bejgh b'subbasta numru 16/15 tal-11 ta' Marzu 2015 in parti u kwantu ghas-sehem ta' Raymond Mercieca fuq l-immobbli soggetti ghall-mandat u/jew*

3. *thassar u tirrevoka l-mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli fl-ismijiet "J AND K Limited vs Maria Theresa sive Marthese Mercieca et" u konsegwentement tirrevoka d-digriet taghha u l-ordni ghall-bejgh b'subbasta numru 16/15 tal-11 ta' Marzu 2015 in parti kwantu ghal dawk l-immobbli li huma eccessivi u sproporzjonati komparanti mad-dejn li ghadu dovut lis-socjeta' J AND K Limited, u/jew*

4. *thassar u tirrevoka l-mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli fl-ismijiet "J AND K Limited vs Maria Theresa sive Marthese Mercieca et" u konsegwentement tirrevoka d-digriet taghha u l-ordni ghall-bejgh b'subbasta numru 16/15 tal-11 ta' Marzu 2015 in parti kwantu ghal EUR 263.13 mitlubin bhala spejjez notarili li ma jikkostitwux titolu ezekuttiv u/jew*

5. *tiehu dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti thoss li huma xierqa u idoneji fic-cirkostanzi inkluz li tordna s-sospensjoni tal-bejgh bis-subbasta sakemm ir-rikorrenti jhallsu l-bilanc dovut lis-socjeta' J AND K Limited.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` J AND K Limited u b'rizerva ghad-danni u ghall-imghaxijiet inter alia ai termini tal-Artikolu 279 tal-Kap 12.*

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-Ligi.

Rat illi ma saret ebda risposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali.

**Ikkonsidrat;**

**Maria Theresa sive Marthese Mercieca** xehdet permezz ta' affidavit a fol 27 *et seq* illi hi u r-ragel taghha kienu jikru proprjeta minghand is-socjeta rikorrenti, liema kirja hija llum terminata, u mat-terminazzjoni tal-kirja kien hemm ammont dovut lis-socjeta rikorrenti. Ghalhekk hi u r-ragel taghha kienu accettaw li jidhlu fi ftehim amikevoli ghall-hlas dovut, u dan permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Mejju 2014, fejn gie ddikjarat li kellhom ihallsu s-somma ta' €27, 983.72. Ftit xhur wara, s-socjeta rikorrenti baghtet ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 2014 permezz ta' liema talbithom illi jhallsu l-ammont kollu dovut fi zmien jumejn. Spjegat li hi u r-ragel taghha ghamlu minn kollox biex jinqata d-dejn, u malli rcievew l-ittra ufficjali ghamlu pagament ta' €5,000 fit-30 ta' Settembru 2014 u pagament iehor ta' €5,000 fil-5 ta' Jannar 2015. Ziedet illi minn mindu s-socjeta rikorrenti intavolat il-proceduri ghal-bejgh bis-subbasta, hi u r-ragel taghha hallsu €10,000 ohra permezz ta' tliet *bank drafts.* Ghalhekk b'kollox hallsu s-somma ta' €20,000 mis-somma ta' €27,983.72 li kienet dovuta.

Kompliet li barra minn hekk, is-socjeta rikorrenti intavolat proceduri kontra l-intimati, fejn qed jallegaw illi kkagunaw hsara fil-proprjeta mikrija u ghamlu wkoll mandat ta' sekwestru fuq ammont ta' aktar minn €30,000, u ghalhekk poggewhom f'posizzjoni li ma jistghux ihallas dak dovut skont il-kostituzzjoni ta' debitu. Kompliet illi filfatt kellha xi flus dehlin minn wirt li kienet ser tuza sabiex thallas dak dovut, izda minhabba il-mandat ta' sekwestru dawn il-flus, fis-somma ta' €17,681.94, gew depozitati l-Qorti. Ziedet illi ghalkemm fil-kawza ghad-danni inghatat sentenza in parte illi l-kawza kellha tmur quddiem ic-Centru tal-Arbitragg, is-socjeta rikorrenti ghada ma fethitx tali proceduri u lanqas biss qed tidher ghas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Finalment ziedet illi permezz ta' dan il-mandat, is-socjeta rikorrenti qabdet ammont sproprozjonat ta' proprjetajiet, u cioe hames garaxxijiet, terran u dar, u dan meta wiehed jikkonsidra l-ammont li hemm dovut.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati argumentaw l-ewwel nett illi r-rikors ghall-hrug tal-mandat huwa null stante illi huwa nieqes mir-rekwiziti tal-Artikolu 305 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-sub-inciz 2 tal-Artikolu 305 tal-Kap 12 jipprovdi illi:

> **"[f]*ir-rikors għandu jkun hemm indikat deskrizzjoni dettaljata tal-ħwejjeġ li tagħhom jintalab il-bejgħ fl-irkant, inkluża l- provenjenza u kull piż fuq l-istess art u pjanta li turi b'mod ċar fejn hija l-art:*"**

Il-Qorti rat l-atti tas-subbasta u jirrizulta filfatt illi s-socjeta rikorrenti ma prezentat ebda pjanta li turi b'mod car fejn hija l-proprjeta li taghha qed jintalab il-bejgh bis-subbasta. Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm is-socjeta rikorrenti kienet ilha taf bl-ilment tal-intimati rigward dan in-nuqqas mill-15 ta' Ottubru 2015, sa sena wara, baqghat ma prezentatx il-pjanti necessarji, minkejja z-zmien kollha li kellha biex tissana dan id-difett. Il-Qorti rat ukoll illi minkejja li s-socjeta rikorrenti ghazlet li tintavola dawn il-proceduri, u minkejja li l-intimati hallsu l-maggior parti tal-ammont dovut minnhom, is-socjeta rikorrenti u r-rapprezentant legali taghha kienu ilhom ma jidhru quddiem din il-Qorti ghall-dawn il-proceduri minn Dicembru 2016.
Fir-rigward tan-notifika ta' Raymond Mercieca jidher mid-dokument a Fol 34 illi huwa ma giex notifikat, izda giet notifikata biss martu, u ghalhekk jirrizulta *prima facie* dak li qed jallegaw l-intimati.

Fir-rigward tal-argument taghhom illi l-mandat huwa eccessiv u sproporzjonat, il-Qorti rat illi s-socjeta rikorrenti kienet dovuta mill-intimati s-somma ta' €27,983.72, eskluz imghaxijiet, li minnha diga thallset is-somma ta' €20,000. Minn naha taghha, s-socjeta rikorrenti harget mandat ta' qbid fuq xejn inqas minn sebgha proprjetajiet, u cioe hames garaxxijiet, terran, u dar. Il-Qorti tqis illi f'dan ir-rigward l-intimati zgur li provaw sa

livell *prima facie* illi l-mandat huwa sproporzjonat, ikkonsidrat illi sebgha proprjetajiet immobbli zgur li ghandhom valur li jeccedi t-tmient'elef ewro.

Minkejja dawn in-nuqqasijiet serji, din il-Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tirrevoka hi stess il-mandat ta' qbid, stante illi f'proceduri ta' subbasta, il-Qorti tista' biss tissospendi l-proceduri sabiex taghti zmien lill-intimati iressqu l-ilment taghhom quddiem Qorti kompetenti li tiddeterminah u a bazi ta' dik is-sentenza jkun jista' jigi deciz jekk ghandiex tibqa' ghaddejja l-procedura ta' subbasta o meno.

Fid-dawl ta' dak hawn fuq imsemmi, il-Qorti hija tal-fehma illi jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex din is-subbasta tigi sospiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa parzjalment il-hames talba u tissospendi s-subbasta numru 16/15, sabiex il-partijiet iressqu l-proceduri idoneji biex jattakkaw il-validita tat-titolu esekuttiv u l-mandat ta' qbid li fuqhom huma msejjsa dawn il-proceduri, u dana f'terminu ta' xaharejn mil-lum u tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra.

L-ispejjez riservati ghal vertenza finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**